# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Spettur Charlotte Curmi

Vs

Owen Schembri

Illum 18 ta' Dicembru, 2023,

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Owen Schembri (K.I. 0173602L) bin Clint u Stephanie nee' Farrugia imwieled fil-25.04.2002 u residenti Qasam tal-Menhir, Blk. G, Fl 2, Triq tal-Iblieq, Kirkop talli fis-sittax (16) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin(2022) għall-habta ta' 09:54hrs fi Triq il-Belt Valletta, Zurrieq soqt vettura b' numru ta' reġistrazzjoni DBV 846:

1. Mingħajr ma kellek liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta.
2. U talli soqt l-istess vettura mingħajr ma kienet koperta b' polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

   Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni fejn talbet li l-imputat jiġi skwalifikat/a mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

   Rat li l-Qorti ġiet mitluba f' każ ta' htija minbarra li tinfliġġi il-piena skond l-Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat id-dokumenti eżebiti mill-Prosekuzzjoni, ossia affidavit ta' PS 1458 M. Fenech, l-iskiss tal-inċident, ir-rinunzja tal-imputat li jezercita d-dritt li jiġi assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu datata 17 ta' Settembru 2022, ir-rapport tal-inċident Ref. No. 6/POL/5230/2022;

Rat l-affidavit ta' Stephen Cachia, rappreżentant ta' Transport Malta u CCTV footage ezebiti fil-13 ta' Marzu, 2023. Rat li l-partijiet qablu li jintwera CCTV.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' George Stagno Navarra li ezebixxa dokument tal-insurance Dok A fis-seduta tal-13 ta' Marzu, 2023;

Rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-L.S. 65.18 Artikolu 36 B u L.S. 65.18 sitt skeda.

Rat li l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi.

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2023 **l-imputat l-ewwel imputazzjoni** u dan wara li l-Qorti wissiet bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjonijiet kontestati lilu, inkluz li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti

setghet tghaddi biex issibu ħati u tikkundannah għal piena li tista' tkun anke wahda karċerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex anke' jikkonsulta mal-Avukat Difensur tiegħu u jiddeċiedi jekk hux sejjer lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, semgħet lill-imputat itenni li huwa ħati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet u differiet il-kawża ghas-sentenza prevja li l-partijiet inghataw żmien jipprezentaw n-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Ikkunisdrat

**PS 1458 M Fenech** xehedet permezz tal-proċedura tal-affidavit. Hija xehdet li nhar il-16 ta' Settembru, 2022 għall-habta ta' 10:00 hrs il-Pulizija tal-għassa taz-Zurrieq gew infurmati li hemm habta bejn żewġt vetturi gewwa Triq il-Belt Valletta, Zurrieq. X' hin waslet fuq il-post Owen Schembri li kien qed isuq mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni DBV 846 tal-ghamla Generic registrat fuq isem Maria Rosaria Farrugia kien tiga' ttiehed l-isptar bl-ambulanza. Fuq il-post kien ġie mitkellem Giuseppe Attard li kien qed jagħmel użu minn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCE 625. Il-vettura kellha ħsara fuq il-bieba u mudguard ta' quddiem naħa tax-xuffier u bumper ta' quddiem. Ix-xhud eżebiet kopja tar-rapport u filmat tal-inċident.

**Stephen Cachia**, impjegat fid-Direttorat ghat-Transport fuq l-Art fi hdan l-Awtorita ghat-Transport f' Malta permezz ta' affidavit ikkonfermat bil-ġurament fil-17 ta' Frar, 2023 ikkonferma li minn indagini fir-rekords tal-Awtorita' irrizulta li imputat fis-16 ta' Settembru, 2022 ma kellu l-ebda' kategorija ta' liċenzja tas-sewqan Maltija.

**George Stagno Navarra**, rapprezentat ta' Elmo Insurance Ltd xehed fis-seduta tal-13 ta' Marzu, 2023 xehed li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBV 486 hija

assigurata ma' l-Elmo Insurance f' isem Maria Rosaria Farrugia insured only driver. Ix-xhud xehed li persuna li ma ghandiex liċenzja tas-sewqan ma hijiex koperta bil-polza tal-assigurazzjoni u li jekk min ikun qed isuq il-karozza ma jkunx *named driver* il-polza tal-assigurazzjoni ma tkopriehx. Ix-xhud eżebixxa kopja tal-polza tal-assigurazzjoni li tkopri l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBV 846.

**Ikkunsidrat**

Dwar l-ewwel imputazzjoni.

Illi l-imputat ġie akkuzat li saq mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita' Dwar it-Transport ta' Malta bi ksur tal-artikolu artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ġie ikkonfermat mix-xhieda permezz tal-affidavit tar-rappreżentant ta' Transport Malta.

Illi l-imputat irreġistra ammissjoni u għalhekk il-Qorti qed issib lil lil imputat ħati ta' din il-akkuza.

Dwar it-tieni imputazzjoni

Illi l-imputat tramite is-sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tiegħu qed jikkontendi li ma jistax jinstab ħati tat-tieni tieni imputazzjoni  u cioe' "2*. U talli soqt l-istess vettura mingħajr ma kienet koperta b' polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni*." Huwa jissottometti li din l-imputazzjoni ma tistax tirriżulta.

Mill-provi jirrizulta li fil-każ in ezami, il-vettura misjuqa mill-imputat - Mutur tal-Ghamla Generic bin-numru ta' reġistrazzjoni DBV 846 - kienet koperta minn polza tal-assigurazzjoni mal-Elmo Insurance. Il-kwistjoni li nqalghet hija li din il-polza ma tkopriex lil imputat. Din il-Qorti tikkondividi dak li l-Qorti ta' Appell Kriminali

iddecidiet fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Zarb, Appell Kriminali [Appell Numru: 329/2010] , deciz fis-26 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti qalet;

> "Id-dicitura tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 hija cara u ma thalli lok għall-ebda tip ta' interpretazzjoni. Jissussistu l-elementi tar-reat previst fl-imsemmi artikolu meta "ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni, skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza." Is-semplici fatt li tkun tissussisti kopertura assigurattiva jeskludi għal kollox ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu;
>
> Eventwali ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza jista` jwassal għal konsegwenzi ta' natura civili bejn l-assikuratur u l-assigurat, senjatament l-eventwali dritt ta' regress civili li l-assiguratur jista` jkollu fil-konfront tal-assikurat. Izda tali kwistjonijiet ta' natura civili huma res inter alios acta bejn l-assikuratur u l-assigurat u huma għal kollox estranei għal dak li jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 3(1) tal-Kap 104 billi dan ir-reat jissussisti biss meta ma tkunx fis-sehh polza ta' assigurazzjoni.
>
> Illi dak ritenut fis-sentenza in re Scuderi ġie kkonfermat b'diversi sentenzi ohra ta' din il-Qorti fosthom Il-Pulizija vs Joseph Micallef (30.03.2006), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.04.2007), Il-Pulizija vs Nicky Pace (04.04.2007), Il-Pulizija vs Charles Galea (07.05.2007), Il-Pulizija vs Emanuel Bonello (27.07.2007), Il-Pulizija vs Oliver Camilleri (09.08.2007) u l-Pulizija vs George Mizzi (05.11.2008);"

Illi in atti ma inġabet ebda' prova li l-poliza tal-assigurazzjoni ġiet annullata skont id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza anzi' mill-polza tal-assigurazzjoni ezebiti in atti jirrizulta li l-polza tal-assigurazzjoni kienet tiskadi fit-30 ta' April, 2023.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddeciedi li l-imputat ma jistax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni kontrih.

Illi għal finijiet ta' piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-L.S. 65.18 Artikolu 36 B u L.S. 65.18 sitt skeda qed isib lil imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni kontra tiegħu stante li kien hemm ammissjoni u tikkundannahmulta ta' mitejn u hamsin Euro (250) u issibu mhux ħati tat-tieni imputazzjoni kontra tiegħu stante li r-reat ma jissussistix.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**